# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

## Laqgħa Nru. 58/2016

Data: 5 t' Settembru 2016

Hin: 6.30 pm

Post: Uffiċċju Amministrattiv Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

---

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace Anastasi | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati:

Assenti:

---

## AĠENDA

### 1. Talba

### 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti tal-57 Laqgħa ttieħdu bħala moqrija

### 2.1 Korrezzjoni tal-Minuti tal-57 Laqgħa.

**2.1.1** Minuta 3.1 titneħħa l-kelma "isiru" u ssir "jibdew jinżammu".

2.1.2 Minuta 3.3 titneħħa l-kelma "tagarif" u ssir "tagħrif".

2.1.3 Minuta 9.2 titneħħa "skaudut" u ssir "skadut" u "huw" issir "huwa".

Il-minuti ġew approvati wara li ġew ikkoreġuti

## 3. Affarijiet li jitqajmu mill-Minuti

3.1 Minuta 3.2 - Is-Sindku nforma lill-membri li minħabba l-fatt li l-Kunsill għandu xi kuntratti li għalqu t-termini tagħhom u talab sabiex niktbu lid-Dipartiment għal possibilta' ta' estensjoni tal-kuntratt eżistenti minħabba s-sistema l-ġdida tal-Epps.

Il-membri qablu unanimament

3.2 Minuta 3.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva 13 –il applikazzjoni għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv. Huwa kompla billi nforma lill-membri li erbgħa minnhom mhumiex eliġibbli minħabba li isimhom mhux qiegħed fil-lista tas-Segretarji Prospettivi hekk kif ippubblikata mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fis-sena 2016.

3.3 Minuta 3.3 - Is-Sindku nforma lis-Sur Carabott lid-Dipartiment wieġeb minħabba it-talba li saret sabiex is-Sur Carabott ikun skużat sa Frar 2017 mil-laqgħat tal-Kunsill minħabba l-impenji ta' studju fejn f'dan iż-żmien is-Sur Carabott ser ikun imsiefer. Is-Sindku kompla billi qal li minn naħa tal-Kunsill is-Sur Carabott ser ikun meqjus bħala skużat tul dawn ix-xhur iżda l-Kunsill irid jimxi skont il-providiment tal-liġi.

Il-membri qablu unanimament

3.4 Minuta 4.2 - Is-Sindku nforma lill-Membri li wara li l-Kunsill għamel komunikat mal-MEUSAC dwar l-opportunita' ta' fondi Ewropej għal ġemellaġġi u network ma' bliet Ewropej rriżulta li l-Kunsill kien ser jispiċċa jħallas madwar €5000 u għaldaqstant il-Kunsill mhux qiegħed f'din il-pożizzjoni minħabba l-proġetti li jridu jsiru.

3.5 Minuta 4.6 – Is-Sindku nforma lill-Membri li l-ġranet li kienu pproponuti sabiex isiru sensiela ta' sessjonijiet ta' attivita' fiżika għall-pubbliku ġenerali mhumiex disponnibbli minħabba impenji oħra.

3.6 Minuta 4.8 – Is-Sindku nforma lill-Membri li wara konsultazzjoni mal-Avukat tal-Kunsill dwar l-ittra ta' Marco Zahra irriżulta li din kienet bonarja għaldaqstant il-Kunsill m'għandux għalfejn jieħu azzjoni.

3.7 Minuta 7(b) – Is-Sindku nofrma lill-Membri li l-Kunsill taż-Żgħażagħ bidlu l-ħsieb u ser japplikaw għall-fondi sabiex ikun irrestawrat l-Iskudett li hemm fi Triq Misrah il-Barrieri mal-entratura tal-Ġnien Romeo Romano.

3.8 Minuta 9.3 – Is-Sindku nforma lill-Membri liċ-ċertifikazzjoni tax-xogħol li sar f'Misraħ il-Barrieri waslet mingħand il-Perit issa fadal biss li nirċievu l-kont mingħand Central Asphalt sabiex b'hekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jħallas, iżda rrimarka ukoll li kien għad fadal xi pendenti.

# 4 Korrispondenza

4.4 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar il-titqiba staġonali tal-influewnza. Apparti minnhekk is-Sindku qal li r-residenti jistgħu japplikaw fil-bini tal-Kunsll u kif ukoll miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Barra minnhekk huwa qal li ser isir kuntatt man-nurse li kien ġie snin preċedenti fejn kien offra servizz b'xejn. It-titqiba ser tingħata fiċ-Ċentru ta' matul il-Jum.

Il-Membri qablu unanimament.

4.5 Is-Sindku nforma lill-membri li rċieva kommunikazzjoni mingħand is-Soċjeta'Filarmonika ta' Santa Venera sabiex isir BBQ fi ġnien Romeo Romano.

Is-Sindku rrimarka li hu ma jsibx l-ebda oġġezzjoni filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament

# 5 Skeda ta' pagamenti: Approvazzjoni

Il-pagamenti flimkien mal-petty cash ġew diskussi w approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew ikkoreguti.

# 6 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 72 sa lment numru 88.

| | |
|---|---|
| 72 | Ma tistax issir |
| 73 | Ħaddiema Assenjati |
| 74 | Contract Manager |
| 75 | Ma tistax issir |
| 76 | Ninfurmaw lill-Kuntrattur sabiex il-bins jibdew jinħaslu regolari |
| 77 | Comtec |
| 78 | Ħaddiema Assenjati |
| 79 | Ħaddiema Assenjati (isiru strippi suwed) |
| 80 | Ħaddiema Assenjati |
| 81 | Transport Malta |
| 82 | Ma tistax issir |
| 83 | (a)Kunsill Lokali tal-Imsida<br>(b)Ma tistax issir minħabba li fil-viċinanzi hemm oħra |
| 84 | Central Asphalt talba approvata minn Transport Malta |
| 85 | B Grima & Sons |
| 86 | Transport Malta |
| 87 | Transport Malta |

# 7 Ordnijiet tal-ġurnata

### 7(a) Tender tal-Ġbir tal-Iskart

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva ittra mingħand Waste Collection fejn dawn infurmaw lill-Kunsill li ma jixtiequx iġeddu l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart li jagħlaq fl-aħħar ta' Novembru 2016. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li issa ser irid jerġa' jibda il-proċess tat-tender sabiex il-Kunsill jilħaq jagħmel l-aġġudikazzjoni tiegħu bil-metodu l-ġdid tal-EPPS. Is-Sindku kompla billi nforma lill-membri li huwa fl-interess tal-Kunsill u tar-residenti li hu uffiċjalment ser jitlob lill-Waste Collection sabiex jibqgħu joffru is-servizz tagħhom sakemm ikun maħtur il-kuntrattur ġdid.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

### 7(b) Jum l-Anzjani

Is-Sindku staqsa lis-Sur Mangani dwar il-preparazzjoni dwar Jum l-Anzjan. Is-Sur Mangani informa lill-membri li Jum l-Anzjani ser jiġi ċċelebrat il-Ħadd 2 t'Ottubru, 2016 b'quddiesa fid-disgħa ta' filgħodu ġewwa Apap Institute . Is-Sur Mangani qal li bħal kull sena wara l-quddiesa jkun hemm festin żgħir għall-Anzjani.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

### 7(c) Attivita' b'risq l-ALS

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-ħsieb li ssir attivita b'risq l-ALS. Il-Ħsieb huwa li din l-attivita ssir fiż-żmien ta, Jum Santa Venera għaldaqstant huwa ppropona li l-attivita issir is-Sibt 19 ta' Novembru fl-iskola ta' St. Elias bil-parteċipazzjoni ta' Freddie Portelli u Claudia Faniello u drama li ser tintwera għall-ewwel darba f'Malta. Il-flus li ser jinġabru ħa jmorru kollha għal ALS Malta. Il-Kunsill irid jagħmel tajjeb għall-kantanti, għall-atturi tad-drama u stampar fost l-oħrajn.

Is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament

# 8 Minuti ta' Kumitati/Sotto Kumitati;

8.1 Is-Sur Jonathan Brimmer ippreżenta fuq il-mejda l-Minuti tal-laqgħa tas-Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ li saret fl-24 t' Awwissu, 2016.

# 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.4 Is-Sindku nforma lill-Membri dwar il-permess PA4886/15 fejn il-Methode applikat sabiex tinfetaħ triq fi Triq Pietru Dacoutros. Is-Sindku qal li l-Kunsill qatt ma kien ikkonsultat dwar dan il-proġett massiċċ li ser jaffetwa r-residenti ta' santa Venera. F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona sabiex jittieħed parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jipproċedi kontra l-iżvilupp ta' din it-triq li qed tiġi pproponuta.

Is-Sur Horace Anastasi ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

9.5 Is-Sindku nforma lill-membri dwar l-attivita' tal-Ħarsien tal-Annimali sabiex issir f'Novembru. Is-Sindku qal li fin-nuqqas tas-Sur Carabott din l-attivita' tista' tiġi organizżata mis-Sur Jonathan Brimmer.

Il-Membri tal-Kunsill qablu unanimament

9.6 Is-Sindku nforma lill-membri dwar korrisondenza li l-Kunsill ircieva dwar il-Latrina Pubblika ta' Triq il-Kbira San Ġużepp fejn il-Gvern Ċentrali ser jieħu r-responsabilta' tagħha. Is-Sindku ppropona li qabel ma jkun aċċetat dan it-trasferiment il-Kunsill irid ikun ċert li:

(i) Il-kundizzjonijiet jibqgħu l-istess bħal ma huma llum;
(ii) Ma jkunx hemm ħlas għal minn jagħmel użu minnha,
(iii) Ma jkunx hemm tnaqqis mill-allokazzjoni li l-Gvern Ċentrali jgħaddi lill-Kunsill dwarha;
(iv) Il-kontijiet tad-dawl u ilma ma jkunux imħallas mill-Kunsill u jiġi trasferit il-meter.

Is-Sinjura Elizabeth Vella ssekondat lis-Sindku filwaqt li l-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

## 10. Aġġornament

10.1 Il-Laqgħa tal-Kunsill ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 t'Otttubru, 2016 fil-6.30 ta' filgħaxija b'aġenda li tkun ikkomunikata aktar tard.

10.2 Il-laqgħa ntemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.

***Stephen Sultana***
*Sindku*

***Michael Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

**Data:** 10/10/2016